Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 56**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju 2023 fil-17.00.

Din il-laqgħa qed issir ukoll online.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignuad | - | Kunsillier |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillieri A.Pisani kienet skużata minħabba li kienet imsiefra.

Il-Kunsillier R. Scicluna, Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier M. Bonello infurmaw li kienu se jkunu tard.

Is- Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**56.1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

56.1.1 Il-Minuti tas-Seduta Nru 55 ġew approvati. Il-Kunsillier P. Fenech ipporopona u l-Kunsillier A. Chetcuti ssekonda.

**56.2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI**

56.2.1 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi żvillupi dwar li tiġi ffinalizzata by-law dwar l-inxir tal-ħwejjeg fuq quddiem ta' propjetajiet privati. Is- Segretraju Eżekuttiv infurmat li kienet diġa' għamlet kuntatt ma' l-Avukat tal-Kunsill dwar din il-materja u dan infurmaha li legalment din ma tistax issir.

56.2.3 Is-Sindku staqsa lil Kunsillier E. Rossignaud jekk kienx hemm xi żvillupi dwar l-bords ta' reklamar li għandna diġa' installati fi Triq il-Qasam, Triq tal-Ibraġ u Triq is-Swieqi. Il-Kunsillier informa li flimkien ma' Sa. D. Ellul ġie stabbilit liema huwa dawk vakanti u se tkun qed toħroġ sejħa pubblika għal dawk in-negozji interresati li jirreklamaw fuqhom.

56.2.3 Il-Kunsillier A.Chetcuti staqsa jekk kienx hemm xi żvillupi dwar il-by-law li tirregola l-użu ta' kick scooters fil-lokalita. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din kienet diġa' ġiet ppreparata ħż mill-Avukat u reġġġet bgħatitha minnufih lil kull Kunsillier sabiex tiġi vverifikata minnhom. Is-Sindku nforma li din il-materja għalkemm ilha li ġiet diskussa ma' Reġjun Lvant 'il fuq minn sena sfortunatament għadna ma waslnix f'konklużjoni u issa li reġa' wasal is-sajf, dawn se jkomplu jiżdiedu b'ammont sostanzjali.

*Il-Viċi Sindku kienet preżenti onlajn. Il-ħin kien 17.25.*

Rigward din il-materja, il-Viċi Sindku sostniet li jkun jaqbel jekk jerġa' jiġi innotifikat ir-Reġjun peress li din il-materja issa qed tiġi diskussa wkoll ma' Transport Malta fejn riċentament hi flimkien mas-Sindku u s-Sehreytarju Eżekuttiv attendew għal laqgħa li ssaret sabiex jiġu iddentifikati spazji ta' parkeġġ għal dawn il-kick scooters.

*Il-Kunsillier R. Scicluna kienet preżenti. Il-ħin kien 17.36.*

Il-Kunsillier R.Scicluna issuġeriet li jekk kemm-il darba il-Kunsill jaqbel li jattwa din il-By Law, jinbidlu kliem scooter għal e-kick scooter kif ukoll jiġi kkjarifikat eżatt fejn dawn jistgġu jipparkjaw imma qatt ma jostokolaw garages privati jew bibien. Wara diskuzzjoni,ġie deċiż li ninfurmaw lil Avukat tal-Kunsill b'dan it-tibidl u naraw x'inhu l-pass li jmiss. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**56.3 RAPPORT MIS-SINDKU**

56.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport tiegħu li se jkun anness ma' dawn il-Minuti – App. A.

56.3.2 F'dan ir-rapport hemm mniżżlin kull laqgħa li s-Sindku attenda minn l-aħħar Seduta sa llum.

56.3.3 Rigward ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni ta' Triq il-Miżura, is-Sindku nforma li dawn kellhom jibdew f'April pero' sfortunatament sa llum għadhom ma bdewx. Minnbarra f'hekk it-trinka li tħaffret minn Triq il-Keffa u Triq C.Triosi sa Triq il-Miżura baqgħet qatt ma ingħatat it-tarmak. Ta'spiss kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv jikkomunikaw mal-Perit Bonnici minn naħa ta' IM dwar dan u se nibqgħu nagħmlu dan.

56.3.4 B'referenza għax-xogħlijiet fi Triq is-Sirk, jidher li xoxgħlijiet mexjin tajjeb ħafna u b'ritmu mgħaġġel pero' l-istat li qed titħalla fih it-triq meta ma jkunux qed jaħdmu u fil-weekends huwa inaċċetabli. Dan minħabba l-ammont kbir ta' trab li qed jikkaġuna inkonvenjenza kbira lil residenti. Hu nforma li ta' spiss jilmenta dwar dan il-kwistjoni mal-Perit ta' IM u mal-Perit tal-kuntrattur biex dawn kemm jista' jkun jikinsu u jxarrbu din iż-żona. Is-Sindku nforma wkoll li bi pjaċir ġie inuttat li minn naħa ta' IM saret planter fi Triq is-Sirk k/m Triq il-Gejża. Ta' dan huwa rringrazzja lil Perit Bonnici ta-kooperazzjoni tiegħu.

56.3.5 Rigward Triq il-Ħemel, is-Sindku nforma li għalkemm ix-xogħlijiet minn naħa ta' IM bdew, dawn mexjin bil-mod ħafna tant li għal ġranet sħaħ lanqas jkun hemm ħaddiema fuq is-sit. S'issa saru biss il-water connections fuq naħa waħda u parti mill-bankina. Se nibqgħu f'kuntatt ma' IM anke dwar din il-materja.

56.3.6 B'referenza għax-xogħlijiet li qed isiru minn naħa ta' IM fi Triq Sant Andrija, is-Sindku nforma li s-Sur Ivan Falzon (CEO ta' l-IM) informah li għal madwar ġimgħatejn dawk il-vetturi li se jkunu niżlin minn Baħar iċ-Ċagħak mhux se jkun possibli li jduri għal Triq tal-Ibraġ (minn fejn l-ex Jessie Bar). Dan minħabba li se jkun qed isiru xogħlijiet marbuta ma' twessiegħ ta' dik il-parti tat-triq. Is-Sindku ħeġġeġ li jiġu installati sinjali ta' diversions minn qabel sabiex kull sewwieq jkun infurmat b'mod adekwat.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**56.3 RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli**

56.3.7 Rigward is-sejħa għall-offerti ta' Triq tal-Ibraġ, is-Sindku nforma li dan se jkun qed jiġi ppublikat dil-ġimgħa skont l-aħħar update li Segretarju Eżekuttiv provdiet jekk dejjem id-Dipartiment tal-Kuntratt japprova.

56.3.8 Rigward ix-xogħlijiet marbuta ma' Ġnien Maurice Caruana Curran, is-Sindku nforma li issa wasalna fl-aħħar stadji sabiex jiġi mogħti dan il-Kuntratt u jonqos li jiġi ffinalizat l-Evalution Report.

56.3.9 Is-Sindku nforma li riċentament l-aġenzija Project Green infurmata li ma laqatx l-applikazzjoni tagħna sabiex il-Gvern Ċentrali jixtri l-plot tal-wara l-Kunsill u tinbidel fi spazju miftuħ u f'Cultural Regional Hub. Huwa nforma li jinsab ferm iddispjaċut b' din in-notifika; dan minħabba li l-Kunsilll jemmen bi sħiħ li dan il-proġett kien wieħed ideali għal Project Green kif ukoll il-vera bżonnjuz għal lokalita' tagħna. Huwa fakkar li s-Swieqi sfortunatament huwa ferm nieqes mill-ispajzi miftuħa.

56.3.10 Rigward it-trab li ta' kuljum qed jinġema fi Triq tal-Ibraġ (direzzjoni lejn San Ġwann), is-Sindku nforma li sal-ġurnata ta' llum il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta minngħand l-Ombudsman u għalhekk staqtsa lis-Segretraju Eżekuttiv sabiex tibgħat reminder.

56.3.11 Is-Sindku ssuġerixxa li jiġi mfassal fuljett sabiex jkun jista' jiġi mqassam lil residenti kollha. F'dan il-fuljett huwa ta' l-idea li jkun hemm mniżżlin l-iskeda tal-ġbir ta' skart, in-numri ta' telefon tal-Pulizija etc u xi updates żgħar oħra mill-Kunsill. Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil unanimu li jsir dan il-fuljett.

56.3.12 Is-Sindku kien ta' l-idea li tiġi ppreprata ittra imirata għar-residenti ta' Triq is-Sirk, Triq il-Ħemel u Triq il-Miżura fejn dawn jiġu nfurmati li għalkemm ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni qed isiru minn naħa ta' IM, il-Kunsill lest li jkompli jiddefendi l-interessi komuni tar-residenti kollha u għalhekk għandna nħeġġuhom jagħmlu kuntatt magħna f'każ li jkun hemm xi problema dwar dawn ix-xogħlijiet.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

## 56.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

Mill-Kunsillier E.Rossignaud

56.4.1 Il-Kunsillier saħaq li huwa ferm importanti li r-residenti jkunu aġġornati b'dak kollu li l-Kunsill jkun qed iwettaq u x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar ċertu punti. Il-Kunsillier T.Valentino infurmat li taqbel ħafna ma' dan il-punt. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li r-rapport li jippreżenta s-Sindku waqt kull Seduta jsir f'*point form* u ssir post fuq il-paġna uffiċċjali tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

56.4.2 Huwa staqsa jekk kienx hemm xi żvillupi dwar ir-riċerki li kellhom jsiru minn nutar dwar il-PC Application ta' Triq Josef Kalleya k/m Triq il-Ġiebja. Is-Sindku nforma li skont l-aħħar informazzjoni jidher li nutar wasal fl-aħħar stadji.

Mill-Kunsillier T.Valentino

56.4.3 Il-Kunsillier staqsiet jekk Ambjent Malta għamlux xi xogħlijiet ġodda dwar l-Afforestation Project tal-Madliena. Is-Segretraju Eżekuttiv infurmat li għal darb oħra se tkun qed terġa' tibgħatilhom dwar din il-materja.

56.4.4 Hija staqsiet sabiex jinqata' xi ħaxix li qed jostakolaw il-viżjoni tas-sewwieqa fi Triq il-Madliena. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tagħmel kuntatt mal-kuntrattur.

56.4.5 B' referenza għall-Proġett ta' Madliena Enviromental Trail, il-Kunsillier T.Valentino talbet sabiex isir kuntatt mal-ERA sabiex dawn bil-miktub jikkonferma li huma jaqblu u jissaportjaw dan il-proġett. Is-Segtretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tagħmel kuntatt mas-Sur Henwood.

56.4.6 Hija ssuġeriet wkoll li nerġgħu navżaw lil residenti sabiex dawk interessati li jkunu infurmati b' xi żvillupi importanti minn naħa tal-Kunsill, jibgħatulna l-indirizz eletroniku tagħhom ħalli nkompli nżiedu lista tal-Kunsill.

Mill-Kunsillier R. Scicluna

56.4.7 Il-Kunsillier staqsiet jekk jistax jerġa' jsir tentattiv ieħor sabiex issir laqgħa mas-Sur T.Debono dwar il-possibilita' li ssir zebra crossing fi Triq il-Keffa (viċin tal-ġnien). Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed terġa' tagħmel kuntatt miegħu.

Mill-Kunsillier P.Fenech

56.4.8 Il-Kunsillier informa li għalkemm jinsab ma jiflaħx qed jagħmlu l-almu kollu tiegħu biex ikompli jsegwi u jipparteċipa b'mod sħiħ f'din is-seduta minkejja li kien hemm ukoll problemi tekniċi biex jaqbad onlajn. Huwa nforma li fil-jiem li ġejjin se jkun qed jibgħat il-programm ta'l-attivitajiet ta' l-arti għal Swieqi Fest.

56.4.9 Huwa rrefera għal punt li s-Sindku qajjem dwar l-istat li Triq is-Sirk qiegħda fih fil-preżent. Huwa kkonferma li ta' kuljum ikollu ilmenti dwar l-ammont kbir ta' trab li jkun hemm apparti il-mod ta' kif ċertu toqob kbar tħallew esposti minngħajr l-ebda sigurta'.

*Il-Kunsillier M.Bonello kien preżenti onlajn. Il-ħin kien 19.00*

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

## 56.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

Mill-Kunsillier P.Fenech

56.4.10 Huwa staqsa jekk hux possibli li tinkiteb ittra b'mod uffiċjali mill-Kunsill sabiex nitolbu għajnuna finanzjajra lil Ministru għal-Kultura u l-Gvern Lokali sabiex nippublikaw ktejjeb dwar it-tifsira ta' l-ismijiet ta' toroq. Wara diksuzzjoni, ġie deċiż li nsaqsu lil Onor. Zerafa Civelli kif ukoll lil Onor. O. Bonnici dwar din il-possibilta'.

Mill-Viċi Sindku

56.4.11 Il-Viċi Sindku nfurmat li fi Triq in-Narċis hemm toqba kemmxejn fonda. Is-SE infurmat li se jkunu qed isiru tisiwjiet neċċessarji fil-jiem li ġejjin.

56.4.12 Hija infurmat li ta' spiss qed tiċievi ilmenti li fil-ħinijiet tard filgħaxija, tennis court qed jitħalla mixgħul u miftuħ tant hu hekk li xi sidien tal-klieb qed jidħlu u jħallu l-klieb tagħhom hemm. Is-SE u s-Sindku nfurmaw li kienu diġa' avzaw lil amministraturi dwar dan u se jkunu qed jerġgħu jiġbdu l-attenzjoni.

56.4.13 Il-Viċi Sindku infurmat li fi Triq il-Keffa fil-passat, qabel ma din it-triq ġiet resurfaced, kien hemm spazju allokat għal muturi quddiem dar nru:43 pero' meta saru xogħlijiet dan baqa' qatt ma reġa' sar. Is-SE infurmat li dwar dan irrapporta wkoll is-Sindku u saret works order lil kunttratur.

56.4.14 Hija staqsiet jekk ġietx stabilita data ta' meta il-Kunsill se jkun qed jgħaddi r-rigal lis-Sur Vince Tanti bħala rikonixximent tas-servizz tiegħu bħala Segretarju Eżekuttiv bejn is-sens 2016 u 2022. Is-SE infurmat li l-għada tas-seduta li għaddiet (20.05.23), hija bgħatet imejl lis-Sur Tanti dwar din l-istedina pero' sa llum ma rċevejna l-ebda risposta.

Mill-Kunsillier A.Chetcuti

56.4.15 Rigward il-problema ta' *water leakage* fi Triq Sant Andrija, il-Kunsillier ippropona li l-Kunsill jqabbad kumpanija privata sabiex jiġi ivverfikat minn fejn dan l-ilma. Is-Sindku nforma li huwa ma jaqbilx li dil-materja għandha tiġi indirizzata biss mill-Kunsill apparti minn hekk dinhija triq arterjali li taqa' fir-responsabilta' ta' TM. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li bħalissa qed isiru xogħlijiet minn naħa ta' IM, għandna ninfurmawhom b' din il-problema. Is-SE infurmat li se tkun qed tagħmel dan. Sadanitant il-Viċi Sindku se tkun qed tavviċina persuna li tista' tofrilna iktar informazzjoni dwar din il-materja.

56.4.16 Il-Kunsillier staqsa għala il-kuntrattur twaqqaf milli jiġbor kull tip ta' skart kull nhar ta' Sibt. Huwa ssostna li la darba s-Sibt jinġabar l-iskart imħallat kollu, ma jistax jifhem għala l-iskart li ma jkunx f'borża sewda ma jinġabarax ukoll nhar ta' Sibt. Hu żied jgħid li qed isostni fuq dan il-punt sabiex jkun hawn lokalita' aktar nadifa għal ġid ta' residenti kollha.

Dwar din il-materja, is-Sindku nforma li għalkemm is-Sibtijiet tinġabar il-borża bi skart imħallat ma jfissirx li l-kunttratur jew aħna għandna dritt li nħalltu kull tip ta' skart. Għandha tiġi mir-residenti stess, li borża ta' l-iskart joħorġuha dejjem skond il-ġurnata wara kollox dan issa huwa obbligu bil-liġi. Is-Sindku saħaq wkoll li bħalma dejjem jingħad l-infurzar hija l-ikbar problema u għalhekk hemm bżonn li tkompli issir pressjoni fuq l-ERA, LESA u Pulizija.

56.4.17 Huwa staqsa jekk hux possibli li fil-jiem tas-Sajf biss, id-dog bins jitnaddfu aktar spiss. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-SE infurmat li se tkun qed tavviċina lil kuntratturi għal kwotazzjonijiet.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**56.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsillier M. Bonello

56.4.18 Il-Kunsillier informa li huwa attenda għal konferenza li saret nhar il-31 ta'Mejju f' Kastel Zammitello dwar it-tnedija tad-dokument Parking Management Sustainable Mobility. Huwa nforma li waqt din il-konferenza ġew diskussi diversi punti fosthom l-introduzzjoni ta' parking meters.

**56.5 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

56.5.1 SPI/SCI/03/2023 – SKEMA GĦALL-ESPRESSJONI TA' INTERESS – THE WORLD CLEAN-UP CAMPAIGN

B'referenza għall-iskema indikata fis-suġġett, is-SE staqiset għal kjarfika dwar id-dati ta' dan iż-żewġ clean-ups. Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil li dawn jsiru hekk kif indikat:

- *Madliena – 14 ta' Settembru*
- *Swieqi – 26 ta' Settembru*

56.5.2 Rigward Swieqi Fest, hija infurmat li matul din l-attivita il-Malta Crafts Foundation se jkunu qed jinfurmaw l-artiġjana Maltin sabiex dawk interessati jarmaw stall tagħhom waqt din l-attivita' . Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

56.5.3 Rigward is-sejħa ta' l-offerti :TENDER FOR THE SETTING UP OF A SMART WASTE DEPOT IN SWIEQI hija infurmat li din għalqet il-bieraħ (19.05.23) u ġiet sottometta offerta waħda biss. Għaldaqstant ħeġġet lil membri tal-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni biex kemm jista' jkun niltaqgħu sabiex nibdew l-evalwazzjoni mill-aktar fis.

56.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li sa llum għadha ma rċeviet l-ebda notifika mill-Awdituri sabiex jingħalaq l-Awditjar għas-sena 2022 minkejja li l-Kunsill bgħat id-dokumenti kollha mitluba minnhom.

**56.6 APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U ĦLAS IEĦOR**

L-iskeda tal-pagamenti nru 46 ġiet approvata minn dawk preżenti. Il-Kunsillier R. Scicluna pproponiet u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

*Din is-seduta spiċċat fit-20.40 u s-Seduta li jmiss hija skedata għal nhar it-18 ta' Lulju fl-16.30.*

*Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.*

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**SWIEQI LOCAL COUNCIL**

**COUNCIL MEETING – 20/06/23**

**MEETINGS ATTENDED/HELD**

19/05 – MEETING WITH THE SWEEPING CONTRACTOR

22/05 – SITE MEETINGS WITH PERIT RODERICK BONNICI FROM IM IN TRIQ IS SIRK & TRIQ IL Hemel

24/05 – MEETING WITH RESIDENTS IN TRIQ IL GIEBJA RE GARBAGE PROBLEM

24/05 – MAINTENANCE TENDER EVALUATION

27/05 – OPENING OF THE SWIEQI CHESS CLUB

01/06 – MEETING WITH THE COMMUNITY POLICE

17/06 – LCA PLENARJA

19/06 – MEETING WITH PERIT FALZON RE SLOW STREETS

## OTHER MATTERS

### ROAD WORKS

### TRIQ IL-MIZURA

Road works on this road were scheduled to commence during April '23 and residents were informed accordingly. Unfortunately to date these scheduled road works have not commenced and the state of the road keeps deteriorating at a rapid rate. To add insult to injury, the trenching works that were carried out in triq il Keffa and triq C Troisi have not been resurfaced either.

We have asked IM to tarmac the sections of triq il – Keffa and triq C Troisi that were dug up as soon as possible and not to wait until the road works in triq il Mizura to be completed. These resurfacing works cannot be delayed any further.

### TRIQ IS – SIRK

Works in triq is Sirk are at an advanced stage. Household water mains have been replaced and pavements have been rebuilt. Repairs to a section of the drainage system are nearly ready too. Works have now started in triq il Migbed.

One must admit that triq is Sirk is a relatively long road, and hence the progress recorded is quite impressive. However the amount of dust that has been left in the road must definitely be condemned. It is simply not right that heaps of dust are left in the road since this causes a great discomfort and inconvenience to residents besides it being a health hazard. A large amount of dust has accumulated in sections of the road where works have been completed. contractors seem to be very insensitive about the inconvenience that they cause to residents and passers by.

We are aware that residents are very annoyed about this and rightly so. We regularly drew the attention of Perit Roderick Bonnici from IM about this and I must admit that Perit Bonnici always replied in a prompt manner and always

## CAPITAL PROJECTS

**IBRAG ROAD – the tender should be issued this week.**

## EMBELLISHMENT OF GNIEN MAURICE CARUANA CURRAN

Hopefully works can commence once the tender for patching and other works is awarded.

## PROJECT GREEN

We received a letter from Project Green CEO, Mr Steve Ellul, whereby we were informed that our project was not selected with the first lot of greening projects that were announced.

This was very sad news indeed and I replied to this letter noting our great disappointment at the fact that our project was not selected.

In my reply I copied the Prime Minister and the Minister for the Environment. Unfortunately no one replied or even acknowledged my e mail !!

Swieqi desperately needs this open space We must find a way how to engage with residents push forward our request together.

## INDUSTRIAL DUST IN IBRAG ROAD

Unfortunately we have not received any feed back from the Ombudsman about the dust that had=s been accumulating in upper Ibrag road, on the way to Mekkek Bar. We have sent a chaser.

ordered the contractor to sweep and wet the road. I very much doubt that the contractor followed the instructions given by the IM.

Yesterday I called IM CEO, Mr Ivan Falzon so as to protest about this and queried whether better work methods could be applied. He admitted that IM are doing their best so as to change certain work methods, however contractors are offering a very strong resistance to change.

Planter – the planter that we had asked for in the corner Sirk/Gejza has been installed.

**TRIQ IL – HEMEL**

Works in this road commenced during April and they are progressing at a much slower pace.

Water mains have been replaced on one side of the road only and only a section of the pavement has ben rebuilt.

**ROAD WORKS IN ST ANDREWS ROAD**

The planned road works have started close to Jessie's Bar.

Yesterday I was informed by IM CEO, Mr Ivan Falzon, that the entry into Ibrag road for vehicles driving South Bound, that is coming from Bahari c Caqhaq is going to be closed for at least two weeks, until road widening works will take place. This entry will be permanently closed once the hair pin is constructed.

Meanwhile vehicles drining South Bound and willing to enter Swieqi will have to do so either by driving up Triq il Prekursur, or by entering Pembroke form near triq il Prekursur roundabout and exiting onto St Andrews road from Triq Suffolk or via the Swieqi road tunnels.

I have been assured that adequate signage will be put up.

**MAIL SHOTS**

I am of the opinion that we should mail to all households a leaflet which will provide residents with important information, such as important telephone nos – police ambulance, fire etc. with the garbage schedule, and other important information.

I am also of the opinion that we send a letter to residents in triq is Srk, triq il Hemel, triq il Migbed and triq il Mizura whereby we inform them that although the local council is not directly involved with the road works being carried out, we still do our very best to defend and safeguard the well being of residents by communicating with IM and by putting forwards suggestions as well as the residents' concerns. Hence we urge residents to turn to the local council and seek the council's assistance.

We should inform residents that the level of dust that has been left in the roads is totally unacceptable and that we are working with IM so as to see how the level of dust will be reduced.

Moreover we should thank residents for their patience and cooperation.

Noel Muscat

20.06.23

Matters arising

One ways – tiben, Hemel, triq tal Franciz

Bye Law re hanging of clothes onto the streets

Parking bays for E Scooters

Sale of advertising space.